



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

11088/23

CYBER 172
COPS 349
POLMIL 172
RELEX 796
JAIEX 39
TELECOM 214
CFSP/PESC 928
POLCOM 138
HYBRID 44
DISINFO 51

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	26 ta' Ġunju 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	10526/23
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija Diġitali tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2023

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2023.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**dwar id-Diplomazija Diġitali tal-UE****1. INTRODUZZJONI**

1. F'kuntest ġeopolitiku dejjem aktar diffiċli, aggravat mill-invażjoni illegali u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, it-theddid għall-mudell tal-UE għat-trasformazzjoni diġitali bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u ċċentrat fuq il-bniedem sar aktar akut, u qed tikber l-importanza tat-tmexxija tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-governanza diġitali internazzjonali. L-iżvilupp ta' teknoloġiji li għandhom impatt trasformattiv fuq l-ekonomija u s-soċjetà tagħna, bħall-Intelliġenza Artifiċjali, aċċellera malajr filwaqt li t-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika toffri opportunità kbira għall-iżvilupp sostenibbli madwar id-dinja. Għalhekk, il-Kunsill jissottolinja l-hteġa għal politika u azzjoni tal-UE aktar b'saħħithom, aktar strateġiċi, koerenti u effettivi fi kwistjonijiet diġitali globali, biex jiġu kkonfermati l-involviment u t-tmexxija tal-UE. Dan huwa essenzjali biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-UE filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa. Dan jeħtieġ li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jiżviluppaw il-kooperazzjoni mas-sħab madwar id-dinja billi jlaqqgħu flimkien u jisfruttaw l-għodod diplomatiċi u politiċi kollha, u jiżguraw il-komplementarjetà u l-koerenza bejn il-politiki interni u esterni. Biex jintlaħqu dawk l-oġettivi, jeħtieġ li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu s-sinerġiji bejn il-politiki u l-azzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u dawk ċibernetiċi, ibridi u diġitali. Dan jimplika wkoll it-tfittxija ta' sinerġiji ma' politiki u azzjonijiet dwar ix-xjenza u r-riċerka, it-teknoloġija, il-kummerċ, is-sigurtà ekonomika u l-ktajjen tal-provvista. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-hteġa li jiġu promossi l-ħiliet diġitali u l-involviment taż-żgħażaġh, u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili, bħad-dinja akkademika, l-istituzzjonijiet kulturali u xjentifiċi, kif ukoll is-settur privat u l-assoċjazzjonijiet professjonali.

2. Abbażi tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2022¹, li spjegaw il-prinċipji, l-oġġettivi u l-għodod tad-Diplomazija Diġitali tal-UE, imsejsa fuq id-drittijiet universali tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt u l-prinċipji demokratiċi, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-implimentazzjoni u l-koerenza tal-aspetti kollha tad-diplomazija diġitali billi jitwettaq sett ta' **azzjonijiet ta' prijorità**.

2. **AZZJONIJIET TA' PRIJORITÀ**

3. Il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jirrispettaw, jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem, il-proċessi demokratiċi u l-istat tad-dritt online bħalma nagħmlu offline, b'mod partikolari billi jrawmu l-litteriżmu diġitali kif ukoll javvanzaw l-approċċ għat-teknoloġiji diġitali ċċentrat fuq il-bniedem u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, bħall-Intelliġenza Artifiċjali, tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom. F'dan ir-rigward, huma meħtieġa approċċ ibbażat fuq ir-riskju u prattiki ta' diliġenza dovuta fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż valutazzjonijiet tal-impatt regolari u komprensivi fuq id-drittijiet tal-bniedem biex jiġi żgurat l-allinjament tad-disinn, l-iżvilupp u l-użu tat-teknoloġiji diġitali mal-istandards applikabbli tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mal-viżjoni tal-umaniżmu diġitali u l-preservazzjoni tad-dinjità tal-bniedem.

F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u/jew ta' emarġinazzjoni, inkluż in-nisa, iż-żgħażaġħ, it-tfal, persuni akbar fl-età u persuni b'diżabbiltà, ser ikomplu jindirizzaw l-inugwaljanzi, bħad-distakk diġitali bejn il-ġeneri u ser iżidu l-azzjoni biex jopponu u jiġġieldu bil-qawwa l-forom kollha ta' diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni b'attenzjoni speċifika għal forum multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni, inkluż dik abbażi ta' sess, razza, oriġini etnika jew soċjali, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru. L-oqsma prijoritarji ta' azzjoni ser ikomplu jiffokaw fuq il-promozzjoni ta' internet miftuħ, liberu, newtrali, globali, interoperabbli, affidabbli u sigur, fuq il-protezzjoni online tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB) u s-sikurezza tal-ġurnalisti, il-ġlieda kontra l-qtuġħ tal-Internet, iċ-ċensura online u s-sorveljanza online illegali.

¹ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija Diġitali tal-UE](#), 18 ta' Lulju 2022

4. Il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikompli jsaħħu l-kooperazzjoni **f'fora multilaterali u b'diversi partijiet ikkonċernati** rilevanti, u magħhom, billi jaħdmu f'approċċ ta' Tim Ewropa, filwaqt li jesploraw il-possibbiltajiet ta' kondiviżjoni tal-piżijiet għal koordinazzjoni aħjar rigward kwistjonijiet diġitali. Għal dan il-għan, l-UE ser:
- a) Issaħħaħ il-kapaċità tagħha li tipprovdi gwida sostantiva u kkoordinata dwar kwistjonijiet diġitali lejn organizzazzjonijiet ibbażati f'Ġinevra bħall-**Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT)** u l-**Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)** u ssaħħaħ il-koordinazzjoni f'fora importanti oħra fejn Tim Ewropa qed jikkonsolida dejjem aktar ir-rwol tiegħu fid-diskussjonijiet dwar l-iżvilupp tal-politika diġitali, inkluż in-**Nazzjonijiet Uniti**, l-uffiċċju tal-**Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR)**, il-**Proċeduri Speċjali tan-NU**, l-**UNESCO**, l-**Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD)**, l-**Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE)** u l-**Kunsill tal-Ewropa (KtE)**. Meta tagħmel dan, l-UE ser tiżgura koordinazzjoni mill-qrib bejn id-diplomatiċi fuq il-post, l-esperti fi Brussell u l-bliet kapitali tal-Istati Membri, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u ċċentrat fuq il-bniedem għad-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji emerġenti.
 - b) Tippetmowvi pożizzjonijiet komuni biex jiġi żgurat impatt akbar fil-proċessi mmexxija min-NU li qed iseħħu tul is-sentejn li ġejjin u li ser isawru l-mod kif il-kwistjonijiet diġitali jiġu ġestiti fil-livell globali, notevolment in-negozjati tal-**Patt Diġitali Globali (GDC)** u l-kooperazzjoni mill-qrib mal-**Mibgħut tan-NU għat-Teknoloġija**, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw id-Drittijiet tal-Bniedem u l-mudell b'diversi partijiet interessati tal-Governanza tal-Internet li huwa miftuħ, inklużiv u deċentralizzat. Il-kontributi tal-UE għall-GDC jeħtieġ li jiġu kkomplementati b'mod konsistenti minn sensibilizzazzjoni mas-sħab tal-komunitajiet b'diversi partijiet ikkonċernati.

- c) Issaħħaħ ir-rwol tal-UE fl-**Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT)** billi tiċċara l-għanijiet strateġiċi, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Konferenza Plenipotenżjarja fl-2026, tiżviluppa pożizzjonijiet koordinati inkluż, fejn xieraq, ma' sħab oħra fil-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni (CEPT), b'mod partikolari dwar l-istandardizzazzjoni tat-telekomunikazzjoni, inkluż il-ġenerazzjoni tal-futur bħas-6G, il-komunikazzjoni bir-radju u l-iżvilupp, fejn twettaq sensibilizzazzjoni transreġjonali u tippromwovi bħala għan strateġiku l-impenn tal-UIT li tikseb konnettività universali u sinifikattiva li tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; u żżid il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri tal-UE rrappreżentati fil-Kunsill tal-UIT. L-UE għandu jkollha wkoll l-għan li ssaħħaħ il-koordinazzjoni fl-**Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO)** u f'fora oħra li jistabbilixxu l-istandards biex tiżgura li teknoloġiji ġodda jiżviluppaw abbażi ta' standards interoperabbli u/jew miftuħa.
- d) Tippoġva ssib pożizzjonijiet ikkoordinati tal-UE dwar il-**kandidaturi** fl-elezzjonijiet għal pożizzjonijiet strateġiċi f'fora internazzjonali rilevanti.
- e) Taħdem mas-sħab fil-**G7** biex issaħħaħ is-sigurtà tal-infrastrutturi diġitali kritiċi, tippromwovi l-fluss liberu tad-data b'fiduċja u tagħti spinta lir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista globali tal-ICT; tkompli tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-**G20** ta' kondiviżjoni tal-kapaċitajiet tekniċi mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.
- f) Tinvolti lilha nfisha u tagħmel progress sostantiv lejn ftehim ambizzjuż dwar il-kummerċ elettroniku fil-kuntest tal-**Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)**, inkluż regoli dwar il-fluss liberu tad-data b'fiduċja; tipparteċipa b'mod attiv, flimkien mal-membri l-oħra, fil-programm ta' ħidma tad-WTO dwar il-kummerċ elettroniku, u tagħmel permanenti l-moratorju fuq id-dazji doganali fuq it-trażmissjonijiet elettroniċi.

- g) Tindirizza kwistjonijiet multilaterali bħala parti integrali mis-**Sħubijiet Diġitali u Djalogi rilevanti oħra** ma' pajjiżi madwar id-dinja sabiex jiġi żviluppat kunsens fir-rigward tal-pożizzjonijiet tal-UE u jiġu promossi l-prinċipji ewlenin li jirfdu l-qafas regolatorju tal-UE stess.
- h) Tiżviluppa pożizzjonijiet ikkoordinati **relatati mal-arkitettura tal-governanza tal-Internet**. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-kwistjoni u l-kronoloġija kritika tal-proċessi li ġejjin relatati mal-**governanza tal-Internet**, il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni (assistita minn fora ta' esperti bħall-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Governanza tal-Internet) u lill-Istati Membri biex – permezz tal-korpi preparatorji rilevanti u, fejn xieraq, id-delegazzjonijiet tagħhom – jiffokaw fuq il-fora ewlenin b'diversi partijiet ikkonċernati li ġejjin. Dan jinkludi appoġġ attiv tal-**Korporazzjoni tal-Internet dwar l-Ismijiet u n-Numri Assenjati (ICANN)** dwar kwistjonijiet ta' importanza strateġika, bħall-iżgurar tal-istabbiltà, is-sigurtà u l-interoperabbiltà tal-Internet; koordinazzjoni msaħħa fis-**Summit Dinji dwar is-Soċjetà tal-Infommazzjoni (WSIS+20) fl-2025**; u koordinazzjoni sabiex jiġi żgurat li **Forum** imtejjeb ta' **Governanza tal-Internet (IGF)** jibqa' l-pjattaforma globali ewlenija għal djalogu diġitali b'diversi partijiet ikkonċernati wara l-2025, sabiex jinżamm l-appoġġ għall-Internet miftuħ, globali, ħieles, interoperabbli u deċentralizzat inkluż fil-kuntest tan-negozjati għal **Patt Diġitali Globali**. Għandhom jiġu esplorati aktar opportunitajiet ta' involviment mal-**Koalizzjoni għal-Libertà Online (FOC)**.

5. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri jużaw in-network ta' **sħubijiet bilaterali u reġjonali** strateġikament importanti permezz ta' sħubijiet u kooperazzjoni msaħħa: il-Kunsilli tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti u bejn l-UE u l-Indja; is-Sħubijiet Diġitali mal-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, Singapore u dik futura mal-Kanada, l-Alleanza Diġitali bejn l-UE u l-Amerka Latina u dik mal-Karibew, u jkomplu jidentifikaw u jiżviluppaw oħrajn ġodda, meta u fejn dawn ikunu strateġikament rilevanti. L-isforz li qed isir lejn regoli komuni dwar il-kummerċ diġitali mal-Awstralja, l-Indja, l-Indoneżja, it-Tajlandja u n-negozjati possibbli dwar il-kummerċ diġitali mar-Repubblika tal-Korea u Singapore, kif ukoll in-negozjati rigward l-impenji dwar il-flussi transfruntiera tad-data mal-Ġappun huma elementi ewlenin tal-isforz tal-UE biex tippromwovi l-**fluss liberu tad-data b'fiduċja**. Billi tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal ta' dawn is-sħubijiet, l-UE tista' tippożizzjona lilha nfisha bħala mexxej u sieħeb ideali fl-iżvilupp teknoloġiku globali, fl-istandardizzazzjoni u l-governanza u l-introduzzjoni sigura ta' **teknoloġiji kritiċi u emerġenti**, bħas-semikondutturi, l-intelliġenza artifiċjali, il-5G u s-6G, il-kejbils tad-data taħt il-baħar, il-pjattaformi online u t-teknoloġiji kwantistiċi.
6. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-istandards għall-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji kritiċi u emerġenti. Kif iddikjarat fir-raba' laqgħa Ministerjali f'Luleå, l-Iżvezja, minħabba l-pass rapidu tal-iżviluppi teknoloġiċi, l-UE u l-Istati Uniti huma impenjati li japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom fi kwistjonijiet teknoloġiċi, inkluż l-IA, is-6G, il-pjattaformi online u t-teknoloġiji kwantistiċi.

7. L-UE tinsab lesta żżid l-impenn u l-kooperazzjoni tagħha biex tindirizza l-isfidi komuni billi tagħmel l-offerta tagħna aktar attraenti u rilevanti għall-ħtiġijiet tas-sħab tagħna. Dan jimplika l-indirizzar tad-distakki diġitali, il-promozzjoni u l-forniment ta' **infrastruttura pubblika diġitali** sigura fil-livell ċibernetiku, kif ukoll **riżorsi komuni diġitali** li jikkontribwixxu għaż-żieda tal-utilizzabbiltà ta' teknoloġiji u data ġodda għall-benefiċċju tas-soċjetà kollha kemm hi, il-provvista ta' konnettività internazzjonali affidabbli u sigura, bħall-kejbils taħt il-baħar u fuq l-art jew networks mingħajr fili, filwaqt li titqies is-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT bħala element importanti fl-iżvilupp ta' ekosistema diġitali reżiljenti². Bil-**Global Gateway**, l-UE għandha l-mezzi biex tipprovdi offerta kompetittiva ta' investimenti f'infrastruttura diġitali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku flimkien mal-promozzjoni strateġika tas-soluzzjonijiet u l-istandards teknoloġiċi tagħna, bi djalogu regolatorju u leġislattiv biex isir l-aħjar użu mit-trasformazzjoni diġitali filwaqt li jiġi indirizzati r-riskji tagħha. Flimkien mal-bini tal-kapaċitajiet u l-assistenza regolatorja mmirata f'oqsma ewlenin, bħaċ-ċibersigurtà, il-pjattaformi, id-data, l-IA u l-identità diġitali, l-UE għandha tippromwovi trasformazzjoni diġitali bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem u ċċentrata fuq il-bniedem. Iċ-**Ċentru Diġitali għall-Iżvilupp (D4D)** huwa eżempju tajjeb tal-approċċ ta' Tim Ewropa għall-kooperazzjoni diġitali mar-reġjuni sħab fil-livell globali. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-**pakketti tal-ekonomija diġitali** mħabbra man-Niġerja, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-Kolombja, kif ukoll l-inizjattivi diġitali tal-Global Gateway, u jappella lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet finanzjarji jaħdmu f'**approċċ ta' Tim Ewropa** biex jespandu l-għadd ta' proġetti diġitali tal-**Global Gateway**³. B'mod partikolari, huwa jappella lill-**Bank Ewropew tal-Investment** iqis li fil-futur isaħħaħ il-portafoll tiegħu ta' investimenti siguri fil-konnettività diġitali, inkluż f'networks mobbli u kejbils taħt il-baħar, u jistieden lill-Kummissjoni tkompli bil-ħidma fuq l-iżvilupp tal-koordinazzjoni ta' faċilitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni għal proġetti ta' konnettività, inkluż flimkien ma' strumenti ta' finanzjament simili ta' sħab tal-istess fehma.

² Ara: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà tal-Katina tal-Provvista tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni ([12930/22](#))

³ Ara l-lista ta' proġetti emblematiċi tal-Global Gateway għall-2023 https://international-partnerships.ec.europa.eu/publications/global-gateway-2023-flagship-projects-infographics_en

8. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-indirizzar tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI), inkluż id-diżinformazzjoni, minn awturi ta' theddid barranin, b'mod partikolari l-Federazzjoni Russa, inkluż fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna fl-ispazju diġitali, u jissottolinja l-importanza li tiżdied il-ħidma fl-UE, kif ukoll mas-sħab, pajjiżi terzi u partijiet ikkonċernati oħra, b'mod partikolari l-pjattaformi online.
9. Il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet finanzjarji jtejbu r-reżiljenza reċiproka billi jsaħħu l-bini tal-kapaċitajiet u l-kooperazzjoni diġitali, notevolement permezz tal-Pjanijiet Ekonomiċi u ta' Investiment mas-sħab fil-**Balkani tal-Punent** u s-**Sħubija tal-Lvant**, b'mod partikolari ma' dawk is-sħab b'perspettiva ta' sħubija mal-UE, kif ukoll fir-reġjun tal-**Viċinat tan-Nofsinhar**, u f'konformità mal-Aġenda Diġitali għall-Balkani tal-Punent, l-Inizjattiva EU4Digital tas-Sħubija tal-Lvant u l-Aġenda Ġdida għall-Mediterran.
10. It-trasformazzjoni diġitali tal-Ukrajna kienet element ewlieni tar-reżiljenza tal-ekonomija u s-soċjetà tagħha fid-difiża tagħha kontra l-aggressjoni Russa u ser tkun pilastru ewlieni tar-rikostruzzjoni tagħha. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li titrawwem ir-reżiljenza tal-ekosistema tal-ICT tal-Ukrajna, u jtenni l-appoġġ sod u kostanti tal-UE għall-Ukrajna sa kemm ikun hemm bżonn.
11. F'konformità mal-impenji li saru fis-Summit tal-2022 bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana, il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-bini tal-kapaċitajiet diġitali u l-kooperazzjoni mal-**Afrika**, kif ukoll jiżguraw li l-investment tal-UE f'infrastruttura diġitali sigura fl-Afrika jkun ikkoordinat, sabiex il-bini tal-kapaċitajiet u l-appoġġ għall-iżvilupp ta' oqfsa ta' politika u regolatorji xierqa jitħejjew f'kooperazzjoni mal-Unjoni Afrikana u s-sħab, bħal Afrika Intelliġenti, sabiex jinkiseb livell imtejjeb ta' sħubija fil-kontinent kollu li jkun f'konformità mal-importanza tar-relazzjoni bejn l-UE u l-Afrika.

12. Il-Kunsill jappella lin-**Network** informali **tad-Diplomazija Diġitali tal-UE** jkompli jinvolvi ruħu f'diskussjonijiet strateġiċi dwar il-kwistjonijiet emerġenti u diffiċli ewlenin tal-politika dwar it-teknoloġija u dik diġitali, kif ukoll jiltaqa' regolarment f'format estiż billi jlaqqa', kif xieraq, sħab Ewropej u dawk oħra tal-istess fehma, minbarra partijiet ikkonċernati u networks rilevanti oħra, u jsaħħaħ aktar il-koordinazzjoni tiegħu man-Network taċ-Ċiberambaxxaturi tal-UE.
13. Bil-ħsieb li jiġu żgurati approċċ ikkoordinat u sensibilizzazzjoni pożittiva effettiva fir-rigward ta' kwistjonijiet diġitali, il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-istabbiliment ta' **ċentri diġitali informali** f'pajjiżi sħab ewlenin, fejn id-Delegazzjonijiet tal-UE u r-Rappreżentanzi diplomatiċi tal-Istati Membri jaħdmu flimkien mill-qrib b'mod sistematiku u kkoordinat u jinvolvu ruħhom fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni u fazzjoni dwar kwistjonijiet trażversali b'rabta mal-iżvilupp diġitali u teknoloġiku. Sabiex dawk in-networks jintużaw b'mod effettiv, kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw ir-riżorsi tad-diplomazija diġitali barra mill-pajjiż, ikomplu jsaħħu l-bini tal-kapaċitajiet u jsaħħu l-koordinazzjoni tal-UE fir-rigward ta' kwistjonijiet diġitali.
14. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol importanti li s-settur tat-teknoloġija jista' jkollu fl-appoġġ tal-għanijiet tad-Diplomazija Diġitali tal-UE, il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesploraw xi perkorsi għal **djalogu kkoordinat u kooperazzjoni strutturata mal-industrija tat-teknoloġija** f'oqsma strateġiċi ewlenin, inkluż teknoloġiji kritiċi u emerġenti u konnettività sigura, biex jissaħħaħ l-approċċ komuni tal-UE kif ukoll l-innovazzjoni u t-tkabbir industrijali tagħha, u jiġu promossi l-istandards Ewropej, approċċi regolatorji u bejjiegħa affidabbli fil-livell globali. L-isforzi għandhom jippruvaw isibu bażi komuni u viżjonijiet strateġiċi allinjati bbażati fuq valuri u interessi komuni fl-intersezzjoni tal-iżvilupp tat-teknoloġija, l-istandardizzazzjoni u l-ġeopolitika, li jkunu ta' benefiċċju kemm għall-UE kif ukoll għall-industrija. Dan għandu jsir ukoll permezz tal-Grupp Konsultattiv dwar in-Negożju stabbilit biex jiżgura l-involviment tas-settur privat fl-implimentazzjoni tal-Global Gateway, kif ukoll oqfsa oħra ta' djalogu industrijali dwar il-qasam diġitali, bħall-Kunsilli tal-Kummerċ u t-Teknoloġija, is-Sħubijiet Diġitali, id-Djalogi u l-Alleanzi, minbarra l-korpi ewlenin tal-istandardizzazzjoni. Għandha tintuża l-esperjenza miksuba permezz tal-involviment tal-Uffiċċju tal-UE f'San Francisco mas-**settur tat-teknoloġija**.

15. Il-Kunsill jissottolinja li, sabiex ikollhom rwol fit-tfassil tal-ġeopolitika diġitali, jeħtieġ li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu l-kapaċitajiet tagħhom fid-diplomazija diġitali, inkluż permezz ta' kooperazzjoni aħjar fir-rigward tal-**għodod ta' taħriġ u ta' kondivizzjoni tal-informazzjoni**, indirizzati lid-diplomatiċi tal-UE u tal-Istati Membri filwaqt li jiġu mfittxija sinerġiji u jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki bejn l-UE, l-Istati Membri, id-dinja akkademika, is-settur privat, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jiżguraw fi żmien sentejn li mill-inqas uffiċjal wieħed f'kull Delegazzjoni tal-UE jkollu għarfien espert rilevanti dwar kwistjonijiet ta' diplomazija diġitali, u li d-diplomatiċi stazzjonati fid-Delegazzjonijiet tal-UE jirċievu taħriġ rilevanti bħala parti mill-proċess ta' qabel l-istazzjonar tagħhom.
16. Il-Kunsill ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni **sas-sajf tal-2024** u jistieden lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri **jevalwaw il-progress** b'mod regolari u jkomplu jirrapportaw regolarment lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-diplomazija diġitali.
-